**Il-Muniti tal-Kavallieri f'Malta**

Fl-1530, l-Imperatur Karlu V ta' Spanja ta lil Malta bħala fewdu lill-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, li llum hi magħrufa offiċċjalment bħala L-Ordni Sovran Militari u Ospitallier ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, ta' Rodi u ta' Malta. Bil-għajnuna tal-Papa Klement VII, l-Ordni, minkejja kemm saħaq l-Imgħallem taz-Zekka ta' Messina biex jiċħdilha l-jedd li taħdem il-muniti, kisbet il-privileġġ li taħdem il-muniti f'Malta. L-ewwel muniti li jidhru li nħadmu f'Malta mill-Kavallieri kienu dawk li saru matul is-saltna qasira tat-tieni Granmastru, Pietro del Ponte (1534-1535). Matul il-ħakma tagħha ta' 268 sena f'Malta, l-Ordni ta' San Ġwann ħadmet muniti kemm tad-deheb, kemm tal-fidda kif ukoll tar-ram.

Wara l-wasla tal-Kavallieri f'Malta, is-sistema monetarja tfasslet fuq dik ta' Sqallija. Fl-1609, il-Kunsill ta' l-Ordni ħatar ukoll Kummissjoni sabiex tistħarreġ ir-regulamenti l-ġodda li kienu nħarġu għaz-Zekka Sqallija ta' Messina, sabiex tiżgura li l-muniti Maltin minn dak iż-żmien 'il hemm ikunu jaqblu ma' dawk ta' Sqallija kemm fl-użin kif ukoll fit-titlu tagħhom. Kultant kienu jitħallew jiċċirkulaw flimkien mal-munita lokali xi muniti barranin bħad-Dubluni u l-Pjastri Spanjoli, iz-Zekkini Venezjani, flus ta' Livorno u ta' Ġenova, u l-Lwiġ tad-deheb.

Minħabba d-diffikultajiet finanzjari kritiċi li qamu wara l-Assedju l-Kbir ta' Malta mit-Torok fl-1565, u minħabba l-ħtieġa ta' aktar flus sabiex jitħallsu l-bosta eluf ta' ħaddiema li kienu qegħdin jaħdmu fil-bini tal-belt il-ġdida Valletta, l-Ordni dehrilha li kien jaqblilha toħroġ muniti fiduċjarji tar-ram. Fuq l-irġejjen ta' dawn il-muniti jidhru minquxin żewġ idejn jieħdu b'xulxin imdawrin bil-kitba "NON AES SED FIDES" ("Mhux Flus Iżda Fiduċja"). Skond l-istoriku ta' l-Ordni Giacomo Bosio, il-Granmastru Jean de la Vallette (1557-1568) kien wiegħed li jifdi dawn il-muniti tar-ram f'"metall nobbli", u kien ukoll rabat ir-rata tat-tisrif tagħhom mhux biss b'parita' mal-muniti tal-fidda Maltin, iżda mal-muniti tal-fidda Sqallin ukoll.

Il-muniti fiduċjarji tar-ram maħruġin minn Granmastri oħrajn baqgħu jintużaw f'Malta b'parita' ma' muniti tal-fidda Sqallin, u baqgħu iżommu l-valur tagħhom mal-muniti tal-fidda lokali, sa ma miet il-Granmastru Antoine de Paule fl-1636, billi l-ammont maħruġ fiċ-ċirkulazzjoni kien ftit jew wisq proporzjonali mal-ħtiġijiet interni tal-Gżira. Iżda meta l-Granmastru Jean-Paul Lascaris Castellar (1636-1657) fettillu ħareġ iżżejjed minn dawn il-muniti fiduċjarji, ir-rata tat-tisrif bejn ir-ram u l-fidda ixxattret għal kollox u żdiedet b'għaġla hekk kbira li fl-1764 ir-ram lokali intqal li kien qiegħed jitlef ammont ta' 107% meta jissarraf f'fidda.

Is-sengħa tal-ħdim tal-muniti tal-Kavallieri laħqet il-qofol tagħha fil-muniti tad-deheb u tal-fidda li nħarġu fi żmien il-Granmastru Antonio Manoel de Vilhena (1722-1736). Vilhena kien l-ewwel wieħed li ħareġ il-munita tat-12-il Zekkin, l-ogħla denominazzjoni tal-flus ta' l-Ordni. U hu daħħal ukoll iż-2 Skudi tal-fidda u l-muniti tat-8 irbajja' u tat-12 irbiegħi.

L-aktar muniti tal-fidda maħduma mill-Ordni li kienet tiswa kienet id-dollaru Malti, li kienet magħrufa bħala l-"pezza", l-"onċja d'argento", jew l-"uqija". Din kienet inħarġet l-ewwel darba matul is-saltna twila tal-Granmastru Emmanuel Pinto (1741-1773).